DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 129/2013

tal-14 ta' Ġunju 2013

li temenda l-Anness XVI (Akkwist) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE

(2) L-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XVI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 2 (id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 4 (id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 L 0081**: Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76)."

2. Il-punt li ġej huwa mżijud wara l-punt 5b (Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE):

"5c. **32009 L 0081:** Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76):

— **32011 R 1251**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1251/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 43).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/81/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2013, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiku kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u s-Suppliment ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.